

32007D0095

L 42/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

14.2.2007

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tat-22 ta' Jannar 2007****dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Komunità fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè  
dwar l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè ta' l-2001**

(2007/95/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

(3) L-estensjoni ta' dan il-Ftehim hija fl-interess tal-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu b'rabta ma' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

(4) Il-pożizzjoni tal-Komunità Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè għandha tkun stabbilita,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Billi:

*Artikolu uniku*

(1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè ta' l-2001 kien iffirmat u konkluż fisem il-Komunità Ewropea fl-24 ta' Settembru 2001 permezz tad-Deċiżjoni 2001/877/KE <sup>(1)</sup>,

Il-pożizzjoni tal-Komunità Ewropea fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè ser tkun li tivvota favur l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè ta' l-2001 għal perijodu jew perijodi li ma jaqbżux is-sitt snin.

(2) Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 52(1) u (2) tiegħu, il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè ser jiskadi fit-30 ta' Settembru 2007 sakemm ma jkunx estiż b'deċiżjoni tal-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè għal perijodu wieħed jew diversi perijodi suċċessivi li ma jaqbżux is-sitt snin b'kollox,

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Jannar 2007.

*Għall-Kunsill**Il-President*

F.-W. STEINMEIER

<sup>(1)</sup> ĠU L 326, 11.12.2001, p. 22.